# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Illum: 6 ta’ Dicembru 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**
vs
**Jastre Lazareski**
**9064/23**

**Il-Qorti**
**Rat l-imputazzjonijet konta Jastre Lazareski ta 34 sena, mwieled: Macedonia, nhar: 16 ta Frar 1989, iben: Martin u Valentina nee Todoroska, residenti: Bugibba u detentur tal-passport tal-Macedonia bin-numru: C1454304**

**Talli nhar il-21 ta Novembru 2023 u/jew fix-xhur ta qabel gewwa L-Identita Agency, triq il-Wied, Msida:**

1. Sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f’xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tagh tagħrif falz;

   **Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta**

2. Ghamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement ghamlel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fil-Kodici Kriminali;

   **Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

3. Dwar xi informazzjoni li għandha tiġi mogħtija skont jew għall-finijiet ta' dan l-Att (l-Att dwar l-Immigrazzjoni), tagħ jew ġiegħel li jingħata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif ta' fatti foloz.

   **Art 32(1)(c) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat li fl-udjenza tas-6 ta' Dicembru 2023 l-imputat irregistra ammissjoni;

**Ikkunsidra**t li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri hafna tal-proceduri .

**Decide**

Ghadaqstant tikkundanna lil Jastre Lazareski ghal piena karcerarja ta' sitt xhur sospiza ghal sena ai termini tal-artikolu 28A(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**